MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 2004/1999/1

**Horant Properties Ltd. gja Grezzju Patignott Limited**

**vs**

**Agius and Vassallo Co. Limited u Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo u Carmelo Agius**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datat 17 ta' Settembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi b'konvenju datata 19 ta' Settembru 1997 redatt minn Nutar Charles Vella Zarb (kopja nformi Dok "A") is-socjeta` konvenuta nrabtet li tittrasferixxi b' titolu ta' tpartit lis-socjeta` attrici zewg porzjonijiet ta' art kontigwa ghal xulxin formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Qassati" f' H'Attard markati bin-numri tlettax (13) u erbtax (14) fil-pjanta li giet

annessa mal-istess konvenju u kif ahjar hemm deskritta u in kontrakkambju s-socjeta` attrici kellha titrassferixxi lis-socjeta` konvenuta l-garage semi-basement fi Triq gdida li tati ghal triq il-Gudja, Tarxien, vettura tal-marla Opel komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000).

Illi  kif jidher mill-istess konvenju, dan il-ftehim gie ffirmat wara li l-konvenut Anthony Vassallo iddikjara li kien debitament awtorizzat jaghmel hekk mis-socjeta` konvenuta.

Illi skont l-istess konvenju, il-*plots* in kwistjoni kellhom jigu trasferiti "bhala tajba ghal bini ta' terraced maisonettes ghalkemm hija attwalment white area".

Illi dan il-konvenju gie mgedded diversi drabi that l-istess kondizzjonijiet b' dan pero` li bi skrittura datata 11 ta' Dicembru 1998 (kopja nformi Dok "B"), il-konvenut Anthony Vassallo, wara li rega' ddikjara li kien debitament awtorizat jirrapprezenta s-socjeta` konvenuta, immodifika l-konvenju originali billi ntrabat li f' kaz li l-plots in kwistjoni jirriehdu sabiex issir triq, is-socjeta` konvenuta kienet tittrasferixxi lis-socjeta` attrici bl-istess konsiderazzjoni, zewg plots ohra kontigwa mill-istess art u inoltre l-istess Anthony Vassallo dahal garanti mis-socjeta` konvenuta ghall-osservanza tal-kondizzjonijiet kollha tal-konvenju in kwistjoni.

Illi fil-mori tal-konvenju, s-socjeta` attrici gahddiet fil-pussess tal- konvenut Anthony Vassallo suppost ghan-nom tas-socjeta` konvenuta, il-garage imsemmi fil-konvenju li kellu jigi trasferit in kontrakkambju; il-vettura Opel b' valur ta' tliet eled lira (Lm3000), vettura Fiesta b' valur ta; erbat elef lira (Lm4000), van Isuzu b' valur ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) u ghamlet xoghol lill-istess Anthonu Vassallo nomine b' valur ta' elfejn seba' mija u tlieta u sebghin lira (Lm2773).

Illi minkejja d-diversi estensjonijiet ta' dan il-konvenju, l-plots in kwistjoni baqghu ma sarux tajbin ghal bini kif previst u l-konvenju skada definittivament fl- 14 ta' Awwissu 1999.

Illi ftit gimghat ilu, s-socjeta` attrici nghatat x’ tifhem li minkejja l-konvenju fuq riferit, milli jidher is-socjeta` konvenuta kienet ghamlet xi konvenju jew konvenji ohra ma terzi fuq l-istss art u nfatti minn ricerki, nstabet ipoteka ta’ tmienja u sittin elf lira (Lm68,000) registrata mis-socjetajiet Aquarius Ltd. u Tampa Ltd. fuq din l-art kontra s-socjeta` konvenuta (ipoteka Legali 5087/97).

Illi minkejja anke ittra ufficjali prezentata fit-13 ta’ awwissu 1999, fejn il-konvenuti gew interpellati jispjegaw is-suspetti indikati fil-paragrafu precdenti u sabiex jikkonformaw ukoll jekk effettivament Anthony Vassallo kellux l-awtorizzazzjoni minghand is-socjeta` konvenuta li jiffirma l-konvenju u l-iskrittura sussegwenti u relattiva kif hu kien iddikjara li kellu; il-konvenuti kollha baqghu inadempjenti;

Illi *inoltre* l-flejjes rikavati mill-vetturi fuq imsemmija gew approprjati mill-konvenuti konjugi Vassallo minflok mis-socjeta` konvenuta u l-pussess tal-garage kien ukoll f’ idejn il-konvenuti konjugi Vassallo u x-xoghol ezegwit mis-socjeta` attrici kien ukoll ta’ benefeccju tal-istess konjugi Vassallo.

Illi s-socjeta` attrici rnexxiela tiehu lura l-pussess tal-garage taghha.

Illi f’inkontri li saru f’ Gunju, Lulju u Awwissu 1999 il-partijiet kienu sadattant gablu li l-valur komp[lessiv tal-vetturi konsenjati mis-socjeta` attrici; tax-xoghol minnha ezegwit; u tal-okkupazzjoni tal-*garage* flimkien mal-imghax kummercjali kalkolat sal-11 ta’ Marzu 1999 kien ta’ erbatax-il elf mija tlieta u hamsin lira (Lm14,153) imqassma kwantu gahl hdax-il elf mitejn tlieta u sebghin lira (Lm11,273) bhala kapital u l-bqija bhala imghax sal-11 ta’ Marzu 1999.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenju fuq riferit iffirmat fid-19 ta' Settembru 1997 kif sussegwentement estis u modifikat m' ghadux vinkolanti bejn il-partijiet sija minhabba li skada u sija ghaliex minhabba vizzju fil-kunsens tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici b' konsegwenza ta' agir frawdolenti tal-konvenuti konjugi Vassallo u/jew il-konvenut Carmelo Agius jew min minnhom.

2. Konsegwentement tikkundanna s-socjeta' konvenuta u l-konvenuti kollha jew min minnhom 'in solidum' maghha sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax il-elf, mija u tlieta u hamsin lira (Lm14,153) flimkien ma l-imghax kummercjali ulterjuri fuq is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u sebghin lira (Lm11,273) mit-12 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-13 ta' Awissu 1999 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 6 sa 9 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif hekk presjeduta ghas-seduta tad-29 ta' Frar 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` Agius & Vassallo Company Limited datata 29 ta' Mejju 2000 a fol 20 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kontra l-istess attrici.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm ebda rabta kif allegat u b'hekk ghal kull buon fini s-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 21 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenut Agius & Vassallo Company Limited datata 9 ta’ Gunju 2000 a fol. 26 tal-process fejn eccepiet: -

1. Illi s-socjeta` konvenuta qatt ma awtorizzat lill-konvenut Anthony Vassallo sabiex jaghmel xi atti ta’ negozju ghan-nom taghha mas-socjeta` attrici u gahlhekk kwalsiasi negozzjati maghmula minn Anthony Vassallo b’ dan il-mod saru b’ ingann u b’ mod illegali.

2. Illi in effetti skont il-Memorandum and Articles of Association tas-socjeta` esponenti r-rapprezentanza legali u guridika hija vestita f’ Carmelo Agius.

3. Illi ghalhekk in kwantu t-tieni talba tas-socjeta` attrici hija diretta fil-konfront tal-esponenti *nomine*, din hija nfundata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ tas-socjeta` Agius & Vassallo Co. Ltd. a fol. 27 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Carmelo Agius datata 9 ta’ Gunju 2000 a fol. 29 tal-process fejn eccepixxa: -

1. Illi l-eccipjent ma kien bl-ebda mod involut fil-konvenju u fit-trattaivi sussegwenti mertu ta’ dawn il-proceduri, kif *del resto* tistqarr u tikkonferma s-socjeta` attrici u konsegwentement in kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut Carmelo Agius a fol. 20 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Lulju 2000 fejn gie ordnat li x-xhieda li instemghet fil-kawza Citaz. Numru 2003/99/RCP ghandha tghodd u tigi inserita bhala xhieda moghtija f’din il-kawza kif qabblu d-difensuri tal-partijiet

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-25 ta’ Jannar 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Busuttil ghall-konvenuti Vassallo prezenti, u prezenti wkoll is-sur Patinott. Inghatat sentenza fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konjugi Vassallo Il-kawza giet differita ghall-prezentata tal-istess eccezzjonijiet u provi attrici ghat-28 ta’ Marzu 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenuti Anthony u Maria Dolores Vassallo datat 25 ta’ Mejju 2000 fejn talbu li jiggustifikaw il-kontumacja taghhom.

Rat id-decizjoni datata l-25 ta’ Jannar 2001 u moghtija fuq il-gustifikazzjoni tal-kontumacja (fol 48) fejn gie deciz li t-talba ta’ Maria Dolores Vassallo ma gietx milqugha izda giet milqugha t-talba ta’ Anthony Vassallo li inghata ghoxrin (20) jum sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Anthony Vassallo datata 14 ta’ Frar 2001 a fol 63 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi fil-konfront taghhom qatt ma saret rabta mas-socjeta` attrici biex b’ hekk il-kawza fil-konfront taghhom hija purament vessatorja u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda ta’ Anthony Vassallo a fol 64 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef David Scicluna tas-17 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Aquilina biex tisma’ il-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta’ Ottubru 2004 fejn il-Qorti irrevokat n-nomina ta’ Dr. Veronica Aquilina u innominat minflokha lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-24 ta' Jannar 2006 fejn Dr. Libreri nforma l-Qorti li baqaghlu seduta wahda biex is-socjeta` attrici taghlaq il-provi. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta wahda ghall-gheluq tal-provri attrici u minn issa l-provi attrici qed jigu dikjarati maghluqa. Il-konvenuti u Dr. Charmaine Cherrett imsejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Inghata digriet tal-affidavit lill-konvenuti ta' erbghin (40) jum mill-attur seduti tal-provi attrici. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli wara t-terminu tal-affidavit lis-socjeta` konvenuti biex izzomm tliet seduti fil-mori ta' dan id-differiment ghall-provi kollha tal-konvenuti, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet qed jigu minn issa dikjarati maghluqa; u l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006 fejn il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju u nnominat minflok bhala Perit Legali a spejjez provizorjament attrici li Dr. Veronica Galea Debono u ghall-ahhar darba kkonfermat d-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2006. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghall-24 ta' Mejju 2007.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Veronica Galea Debono pprezentat fir-registru fid-19 ta' Mejju 2011 u mahluf fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011 (fol 156).

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2011 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Albert Libreri ghas-socjeta` attrici li qabel mar-rapport hlief li l-ispejjez ta' Carmelo Agius u tas-socjeta` konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-konjugi Vassallo. Deher Dr. David Camilleri ghal Carmelo Agius li rrimetta ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li (1) jigi ddikjarat li l-konvenju bejn il-partijiet datat 19 ta' Settembru 1997, kif sussegwentement estiz u modifikat, m'ghadux vinkolanti bejn il-partijiet sija ghaliex skada u sija minhabba vizzju fil-kunsens tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-agir frawdolenti tal-konvenuti Anthony Vassallo u/jew il-konvenut Carmelo Agius jew min minnhom; (2) konsegwentement ghall-ewwel talba s-socjeta' konvenuta u l-konvenuti kollha jew min minnhom 'in solidum' maghha, jigu kunndannati sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax il-elf, mija u tlieta u hamsin lira (Lm14,153) flimkien ma l-imghax kummercjali ulterjuri fuq is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u sebghin lira (Lm11,273) mit-12 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li permezz ta' konvenju datat 19 ta' Settembru 1997 redatt minn-Nutar Charles Vella Zarb, Anthony Vassallo ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' konvenuta Agius and Vassallo Company Limited, intrabat li jittrasferixxi b'titolu ta' tpartit lis-socjeta' attrici, zewg porzjonijiet ta' art kontigwa ghal xulxin formanti parti mill-ghalqa 'Tal-Qassati' f'H'Attard markati bin-numri tlettax (13) u erbatax (14) fil-pjanta li giet annessa ma' l-istess konvenju u kif ahjar hemm deskritta.

Illi in kontrokambju, s-socjeta' attrici kellha tittrasferixxi lis-socjeta' konvenuta garaxx semi-basement fi triq gdida li taghti ghal Triq il-Gudja, Tarxien, kif ukoll vettura tal-marka Opel, u mobbli jew immobbli ohra tal-valur komplessiv ta' hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000).

Illi skond l-istess konvenju, l-plots in kwistjoni kellhom jigu trasferiti ‘bhala tajba ghal bini ta’ terraced maisonettes ghalkemm hija attwalment white area’.

Illi l-konvenju in kwistjoni gie ffirmat wara li l-konvenut Anthony Vassallo iddikjara li kien debitament awtorizzat sabiex jidher u jiffirma ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta Agius and Vassallo Co. Limited u dan il-konvenju kellu validita’ ta’ sitt xhur.

Illi permezz ta’ skrittura privata datata 11 ta’ Dicembru 1998, fost affarijiet ohra, l-partijiet ghamlu referenza ghall-konvenju in kwistjoni datat 19 ta’ Settembru 1997, u kkonfermaw l-istess konvenju kif sussegwentement emendat u mgedded bil-kunsens taghhom, u ftehmu wkoll testwalment illi: *“fil-kaz li meta jigu tajbin ghall-bini dawn iz-zewg plots, ikun pjanat li tghaddi triq minn go fihom, Agius and Vassallo Company Limited ghandha toffri bl-istess konsiderazzjoni lill-istess Grezzju Patiniott Limited zewg plots ohrajn kontigwi mall-istess ghalqa ta’ l-istess kejl u konfigurazzjoni flok dawk numri 13 u 14 li ghalhekk ma jibghux adegwati”.* Sussegwentement dan il-konvenju gie mgedded sal-15 ta’ Jannar tas-sena 1999.

Illi permezz ta’ skrittura datata 28 ta’ Lulju 1999, il-partijiet kienu ftehmu illi l-konvenju in kwistjoni kellu jigi mgedded sal-14 ta’ Awissu 1999 taht l-istess kundizzjonijiet kif miftiehma.

Illi permezz ta’ ittra ufficjali pprezentata fit-13 ta’ Awissu 1999, s-socjeta’ attrici interpellat lill-konvenut Carmelo Agius sabiex jikkonferma jekk Anthony Vassallo kienx awtorizzat sabiex jirrapprezenta lis-socjeta’ konvenuta fuq il-konvenju u skritturi in kwistjoni; u sabiex il-konvenuti jispjegaw kif kien hemm ipoteka ta’ tmienja u sittin elf lira (Lm68,000) registrata fuq l-art mertu tal-konvenju; u sabiex jikkonfermaw jekk il-plots in kwistjoni kienux gja soggetti ghal konvenju iehor precedenti iffirmat ma terzi; u sabiex jersqu ghall-iffirmar ta’ l-att redatt u moqri minn-Nutar Pierre Cassar; kif ukoll sabiex jintrabtu biex fil-mori tal-istess konvenju jirrifondu lura s-somma ta’ Lm8,653 u l-imghax miftiehem. Izda jirrizulta li l-att finali qatt ma sar

bejn il-partijiet u li ghalhekk il-konvenju tal-19 ta' Settembru 1997 ma baqax vinkolanti u skada.

Illi mill-provi prodotti, jirrizulta li alavolja l-konvenju bejn il-partijiet ma baqax vinkolanti, u l-att finali qatt ma sar, xorta wahda xi whud mill-effetti mobbli msemmija fl-istess konvenju gew mghoddija mis-socjeta' attrici lill-konvenuti Anthony Vassallo u martu. Skond ix-xhieda ta' Grezzju Patigniott, l-vetturi tal-marka Opel, Fiesta u van Isuzu, li b'kollox kellhom valur komplessiv ta' Lm8,500 kollha ghaddew f'idejn il-konvenuti Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo, u ir-rikavat taghhom gie approprjat minnhom minnflok mis-socjeta' konvenuta.

Illi jirrizulta li l-garaxx li s-socjeta' attrici ghaddiet lis-socjeta' konvenuta sussegwentement regghet ghaddiet lura f'idejn is-socjeta' attrici, u dana kif gie ammess minn Grezzju Patiniott stess.

Illi skond Grezzju Patiniott kien hemm ftehim car bejn il-partijiet illi l-konvenut Anthony Vassallo kien debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm2,773 u li ghalhekk dan l-ammont kellu jigi kalkolat u inkluz fil-konteggi li saru rigwardanti l-konvenju in kwistjoni.

Illi kienu saru xi laqghat ghand in-Nutar Pierre Cassar flimkien mal-partijiet sabiex jintlahaq ftehim globali. In-Nutar kien sahansitra abbozza kuntratt a bazi ta' dak li kien gie diskuss (u skond Patiniott anki miftiehem) izda effettivament dan il-kuntratt qatt ma gie ffirmat mill-partijiet ghal diversi ragunijiet.

Illi barra minn dan, peress li s-socjeta' attrici mir-ricerki li kienet ghamlet, skopriet li kien hemm ipoteka registrata fuq l-art li kienet tinkludi l-plots li kellhom jigu trasferiti lis-socjeta' attrici, u peress li ma nghatat l-ebda raguni ghalfejn kienet tezisti din l-ipoteka mill-konvenuti, u ghalhekk kien hemm suspetti kbar li l-plots in kwistjoni kienu suggetti ghal konvenju iehor ma terzi, kienet intbaghtet l-ittra ufficjali fuq imsemmija fit-13 ta' Awissu 1999.

Illi kif jirrizulta car mill-istatut tal-kumpanija konvenuta stess:-

*"The director vested with the legal and judicial representation of the company shall be Mr. Carmelo Agius Id 472355(M), or without prejudice to the aforesaid, in any other person or persons authorised for this purpose by the board of directors from time to time.' Illi ma jirrizultax li Anthony Vassallo inghata l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex jirrapprezenta u jorbot il-kumpanija konvenuta bil-mod kif ghamel u ghalhekk id-dikjarazzjoni tieghu maghmula fil-konvenju kienet wahda ghal kollox falza.*

Illi t-talbiet attrici huma tnejn b'kollox. Fl-ewwel lok s-socjeta' attrici qed titlob li jigi ddikjarat li l-konvenju bejn il-partijiet datat 19 ta' Settembru 1997, kif sussegwentement estiz u modifikat, m'ghandux vinkolanti bejn il-partijiet sija ghaliex skada u sija minhabba vizzju fil-kunsens tar-rapprezentant tas-socjeta' attrici b'konsegwenza tal-agir frawdolenti tal-konvenuti Anthony Vassallo u/jew il-konvenut Carmelo Agius jew min minnhom.

Illi jirrizulta mill-fatti fuq esposti din it-talba attrici tirrizulta ppruvata u ghalhekk qed tintlaqa.

Illi fit-tieni lok, is-socjeta' attrici qed titlob sabiex konsegwentement ghall-ewwel talba, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u l-konvenuti kollha jew min minnhom *'in solidum'* maghha, sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbatax il-elf, mija u tlieta u hamsin lira (Lm14,153) flimkien ma l-imghax kummercjali ulterjuri fuq is-somma ta' hdax-il elf, mitejn u tlieta u sebghin lira (Lm11,273) mit-12 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv.

148. Illi dan l-ammont ta' Lm14,153 gie kkalkolat mis-socjeta' attrici billi (i) ingabar l-valur komplessiv tal-vetturi konsenjati; (ii) ingabar l-ammont komplessiv tax-xoghol esegwit mis-socjeta' attrici lill-konvenuti; u (iii) ingabar l-ammont komplessiv tal-okkupazzjoni tal-garage mghoddi mis-socjeta' attrici lill-konvenuti, flimkien ma l-imghax kummercjali kalkolat sal-11 ta' Marzu 1999. Fil-fatt skond

is-socjeta’ attrici minn dan l-ammont komplessiv, Lm11,273 huwa proprju l-kapital dovut, filwaqt li l-bqija huwa l-ammont ta’ imghax fuq dan l-istess ammont kalkolat sal-11 ta’ Marzu 1999.

Illi jirrizulta li la darba l-konvenju tal-19 ta’ Settembru 1997 skada u ma baqax vinkolanti, r-rabta bejn il-partijiet ma baqghetx wahda kontrattwali. B’hekk il-konvenuti konjugi Vassallo ma kellhom l-ebda dritt li jiddetjenu u japproprjaw ruhhom mir-rikavat tal-vetturi li kienu gew konsenjati lilhom mis-socjeta’ attrici. Il-fatt li l-konvenuti konjugi Vassallo ma rritornawx il-vetturi u ma rrifondewx lura l-irkavat tal-bejgh taghhom lis-socjeta’ attrici, jfisser li huma arrikkixxew ruhhom indebitament.

Illi f’dan ir-rigward l-**artikolu 1028A (1) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** jiddisponi hekk kif gej:-

*“Min, minghajr kawza gusta, jarrikkixxi ruhu ghad-dannu ta’ haddiehor ghandu fil-limiti ta’ l-arrikkiment ihallas lura u jikkumpensa ghal kull tnaqqis patrimonjali li setghet soffriet dik il-persuna”.*

Illi abbazi ta’ dan ghalhekk li l-valur tat-tlett vetturi li b’kollox kien jammonta ghal Lm8,500 skond Grezzju Patiniott, (liema valur fl-ebda mument ma gie kontestat minn xi hadd mill-konvenuti), ghandu jigi rifuz lura lis-socjeta’ attrici.

Illi fir-rigward tal-qbija tal-ammont tal-kapital mitlub, u cioe’ l-ammont ta’ Lm2,773, skond ma xehed Grezzju Patiniott, kien hemm ftehim dwar dan l-ammont bejn il-partijiet. Dan ma giex kontestat mill-konvenuti. Mill-provi prodotti mis-socjeta’ attrici fil-fatt, jirrizulta li kienu saru diversi laqghat, anki quddiem in-Nutar Pierre Cassar, bil-ghan li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet sabiex tigi rizolta s-sitwazzjoni pjuttost kumplikata u mhawda bejniethom. Waqt dawn il-laqghat kien sar abbozz ta’ ftehim globali bejn il-partijiet izda dan il-kuntratt ma kienx gie iffirmat mill-partijiet minhabba xi intoppi li nqalghu.

Illi kif xehed in-Nutar Pierre Cassar fi kliemu stess:-

*"L-intoppi zgur li ma kienux rigwardanti l-ammonti dovuti kif indikati fl-ittra tat-23 ta' Marzu 1999 (Dok. C) ghalkemm fl-ewwel laqgha s-Sur Vassallo kien talab spjegazzjoni ta' kif konna wasalna ghal dawn l-ammonti. Kienet inghatat spjegazzjoni dettaljata minn ghandi u mill-Avukat Libreri u donna din l-ispjegazzjoni giet accettata. Di fatti per ezattezza nghid li l-Avukat Libreri kien spjega lili kif kien wasal ghal dawn l-ammonti u jiena in segwitu kont ergajt spjegajt lis-Sur Vassallo. Il-qofol il-ghala t-trattattivi u t-tranzazzjoni ma sehhietx kienet minhabba li s-Sur Agius ma xtaqx jaghmel tajjeb b'sehemu.'*

Illi l-Qorti thoss li fil-kaz in kwistjoni kwalsiasi hlas li jrid isir lis-socjeta' attrici ghandu jithallas esklussivament mill-konvenuti konjugi Vassallo ghar-ragunijiet li ser jigu hawn indikati. Dan qed jinghad ghaliex apparti li l-fatt li s-socjeta' attrici stess tammetti li kienu l-konvenuti konjugi Vassallo li kienu hadu l-flus u ma kienux ghaddewhom lis-socjeta' konvenuta, jirrizulta wkoll mill-provi li l-konvenut Carmelo Agius u s-socjeta' konvenuta Agius and Vassallo Co. Limited kienu u baqghu mill-bidu sa l-ahhar ghal kollox estraneji ghan-negozju li kien qieghed isir bejn il-konvenut Anthony Vassallo u s-socjeta' attrici.

Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha s-socjeta' Agius & Vassallo Company Limited eccepiet illi (i) t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjes kontra l-istess attrici, u (ii) illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, qatt ma kien hemm ebda rabta kif allegat u b'hekk ghal kull buon fini s-socjeta' konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi fin-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata sussegwentement minnha, l-istess socjeta' konvenuta eccepiet illi (i) s-socjeta' konvenuta qatt ma awtorizzat lill-konvenut Anthony Vassallo sabiex jaghmel xi atti ta' negozju ghan-nom taghha mas-socjeta' attrici u ghalhekk kwalsiasi negozzjati maghmula minn Anthony Vassallo b'dan il-mod saru b'ingann u b'mod illegali; u (ii) illi in effetti skond il-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta' esponenti r-rapprezentanza legali u guridika hija vestita f'Carmelo Agius; u (iii) illi ghalhekk in kwantu t-tieni talba tas-socjeta' attrici hija diretta fil-

konfront tal-esponenti nomine, din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes.

Illi minn dan jirrizulta li ma kien hemm l-ebda rabta valida bejn is-socjeta’ attrici u s-socjeta’ konvenuta, u li ghalhekk hija qed tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut Carmelo Agius ecepixxa illi huwa ma kien bl-ebda mod involut fil-konvenju u fit-trattattivi sussegwenti mertu ta’ dawn il-proceduri, kif huwa stqarr u ikkonfermat is-socjeta’ attrici u konsegwentement in kwantu t-talbiet attrici huma diretti fil-konfront tieghu, dawn qed jigu michuda ghaliex huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi jirrizulta b’mod car, anki kwazi kwazi ex admissis da parti tas-socjeta’ attrici stess li l-konvenut Carmelo Agius ma kellu l-ebda involvement fin-negozjati li kienu qedin isiru mas-socjeta’ attrici.  Oltre dan, fl-affidavit tieghu, l-konvenut Carmelo Agius, jispjega li huwa biss kellu l-awtorita’ sabiex jorbot lis-socjeta’ konvenuta – haga li qatt ma ghamel – u li huwa assolutament qatt ma kien involut fin-negozati li saru bejn is-socjeta’ attrici u Anthony Vassallo, u li sar jaf b’dan kollu biss meta nfethet il-kawza. Ghalhekk f’dan il-kuntest l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Agius qed jigu milqugha.

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut  Anthony Vassallo ecepixxa illi fil-konfront tieghu qatt ma saret rabta mas-socjeta’ attrici biex b’hekk il-kawza fil-konfront tieghu hija purament vessatorja u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra s-socjeta’ attrici.  Salv eccezzjonijiet ohra.

Illi fid-dawl tal-provi migbura, jirrizulta li id-direttur li jkun qieghed jagixxi ghan-nom u in rapprezentanza ta’ kumpanija jista’ jkun personalment responsabbli ghall-hsara li tkun saret bl-agir delittwuz minnu stess kommess. Illi alavolja Anthony Vassallo ddikjara li kien qieghed jagixxi bl-awtorizzazzjoni sabiex jidher ghan-nom tal-kumpanija konvenuta, dan ma jirrizultax li kien minnu u lanqas gie ippruvat u ghalhekk id-dikjarazzjoni tieghu

kienet wahda falza u inveritjiera. Illi f'din id-determinata sitwazzjoni ghalhekk il-konvenut Anthony Vassallo bl-eghmil tieghu irrenda ruhu responsabbli personalment versu s-socjeta' attrici.

Illi dwar din ir-responsabbilta' tad-diretturi qed issir referenza ghas-sentenzi fl-ismijiet **"Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe"** (P.A. (PS) – 28 ta' Marzu 2003) kif ukoll dik fl-ismijiet **"John Bugeja vs Giuseppe Maria Vella Gatt pro et noe"** (A.K. - 31 ta' Jannar 1977) li rriferew fuq dan il-punt ghall dak li hemm f'**Palmer's 'Company Law'** (21st Edition, 1968 page 572):-

*"Any director who is party to a fraud or to the commission of any other tort is personally liable to the injured party. This is on the principle that whoever commits a wrong is liable for it himself, and, nonetheless so, that he was acting as an agent or servant on behalf, and for the benefit of another; for the contract of agency, or service cannot impose any obligation on the agent or servant to commit, or assist in the committing of fraud or any other wrong. The Company may also be liable but that does not exonerate the director….."*

Illi fuq l-iskorta ta' dak li huma l-fattispecie tal-kaz in ezami hija ghal kollox inkoncepibbli t-tezi tal-konvenut Anthony Vassallo, meta jghid li huwa ma kellu l-ebda rabta mas-socjeta' attrici, ghaliex huwa car li n-negozjati kollha saru bejnu u bejn Grezzju Patiniott, u mill-bqija dejjem deher hu u ffirma l-konvenju originali kif ukoll dak emendat. Il-konvenut kien ukoll iffirma l-iskrittura privata datata 28 ta' Lulju 1999. Oltre dan, kien proprju hu li ha l-konsenja tal-vetturi in kwistjoni u anki zamm l-irkavat taghhom.

Illi fid-dawl ta' dan kollu il-Qorti qed tiddeciedi li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Anthony Vassallo u t-talbiet attrici qed jigu milqugha fil-konfront tal-konvenuti konjugi Vassallo biss.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Agius u l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Agius and Vassallo Co. Limited u dan in kwantu konsistenti ma’ dak hawn deciz, u tillibera l-istess konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, fil-kontumacja tal-konvenuta Maria Dolores Vassallo, tichad l-eccezzjonijiet ta’ Anthony Vassallo u tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenju fuq riferit iffirmat fid-19 ta’ Settembru 1997 kif sussegwentement estiz u modifikat m’ ghadux vinkolanti bejn il-partijiet sija minhabba li skada u sija ghaliex minhabba vizzju fil-kunsens tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici b’konsegwenza ta’ agir frawdolenti tal-konvenuti konjugi Vassallo.

2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u tletin elf, disa mija u sebgha u sittin ewro u tnejn u sittin centezmu (€32,967.62), (ekwivalenti ghal Lm14,153 kif mitluba fic-citazzjoni), oltre l-imghax li ghandu jigi kkalkolat fuq l-ammont ta’ sitta u ghoxrin elf, mitejn u disgha u hamsin ewro u zewg centezmi (€26,259.02) (ekwivalenti ghal Lm11,273) mit-12 ta’ Marzu 1999 sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata fit-13 ta’ Awwissu 1999 u bl-imghax legali ulterjuri fuq is-somma ta’ €32,967.62 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti Anthony u Maria Dolores konjugi Vassallo.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------